TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Giorgia Mangion

vs

Calbros Bathroom Centre Ltd.

CCT 204/16/MS

7 ta' Lulju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fis-27 ta' Ottubru 2016 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €2,900, prezz ta' kamra tal-banju mahduma mis-socjeta' intimata fil-propjeta tar-rikorrenti, liema kamra tal-banju ir-rikorrenti qed tallega li fiha hafna diffetti u mankamenti.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn filwaqt illi kkonfermaw illi haddmu fil-propjeta' tar-rikorrenti, innegaw li sar xi xoghol hazin, tant illi x-xoghol taghhom gie ccertifikat bhala sodisfacenti u thallsu parzjalment minghand l-Awtorita' tad-djar, li kienet qed tissussidja dan il-progett. L-istess rikorrenti ffirmat dikjarazzjoni li x-xoghol sar skond l-arti u s-sengha.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi r-rikorrenti xehdet li f'Settembru tal-2014 hija kkummissjonat kamra tal-banju, parzjalment issussidjata mill-Awtorita' tad-djar minghand is-socjeta' intimata. Ix-xoghol sar izda wara sitt xhur ilmentat li l-madum tal-kamra tal-banju beda jittajjar (Dok A u B). Beda hiereg is-sadid mill-bathroom fittings u esebiet il-*pipe tas-shower* bis-sadid (Dok D). Ilmentat mit-tap tas-sink li dan ma jiffunzjonax peress illi jkollok timbuttah b'subghajk (Dok E). Ilmentat mill-banju peress illi hareg is-swidija fl-irkejjen kif ukoll hsara fil-kurridur li jmiss mal-kamra tal-banju fejn sabet xi gebel imbuzzat -il barra u fejn allegat li dana sar mill-haddiema tal-Calbros, waqt illi kienu qed jahdmu l-kamra tal-banju (Dok G-

L). Fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal ir-rikorrenti ddikjarat illi ma kenitx qed tippretendi is-somma ta' €2,900 izda riedet biss li jsiru x-xogholijiet rimedjali.

Illi min-naha l-ohra xehdet Sonia Gauci ghas-socjeta' intimata fejn ikkonfermat li din tal-ahhar wettqet ix-xogholijiet parzjalment issussidjati mill-*Housing Authority* fil-propjeta' tar-rikorrenti. Ix-xoghol beda f'Ottubru 2015 fejn tkissret il-kamra tal-banju l-antika, intrema l-materjali u kull gurnata bdew jigu l-haddiema rispettivi bhal plumbers, *electricians* u *tile layers* sabiex f'ghaxart ijiem tlesta x-xoghol kollu. Gauci tghid illi l-*Housing Authority* baghtu perit biex jiccertifika x-xoghol. Ghad illi c-certifikat ma ratux tikkonferma illi huma thallsu mill-Awtorita'. Li kieku kien hemm xi haga hazina c-cekk ma kienx johrog. Illi r-rikorrenti wkoll ifirmat dikjarazzjoni illi x-xoghol kien sar sew li gie esebit. Wara xi tlett xhur illi thallsu r-rikorrenti giet il-hanut u ilmentat minn *shower pipe* msaddad, *mixers* ma jahdmux u madum imkisser. Gauci marret fuq il-post, nadfittilha l-*mixers* izda ma riskontrat l-ebda hsara fuq il-madum tal-art, li kien adattat ghal-tqeghid mal-art kif ukoll mal-hajt. Gauci tirrileva illi r-rikorrenti ghad baqalha kambjala ta' sebghin Euro xi thallas.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal filwaqt illi jidhirlu illi x-xoghol tas-socjeta' intimata sar skond l-arti u s-sengha ghax kieku ma kienux jithallsu mill-Awtorita' tad-djar u l-anqas ir-rikorrenti ma kienet tiffirma d-dikjarazzjoni li kollox kien sar sew, jista' jkun, illi fil-perjodu tal-garanzija (sentejn) inqalghu xi difetti zghar fl-attrezzi tal-kamra tal-banju. Dawn id-difetti kif riskontrati mir-rikorrenti huma verament zghar u facli jitrangaw b'tindifa, daqxejn zejt appozitu kif ukoll il-bdil tax-*shower pipe* bi ftit flus. Ghal dak li jirrigwarda l-ilment principali - dak tal-madum - dan ma giex ippruvat illi jekk kien hemm xi hsarat, dan kien dovut ghal xi operat hazin daparti tas-socjeta' intimata. Hemm biss id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti u xi ritratti illi mhumiex konvicenti u l-anqas ma jindikaw meta u kif saru. Id-daqqiet illi jidhru fir-ritratti, pero', jidhru aktar kosmetici maghmula minn xi oggett iebes illi forsi waqa' fuqhom milli xi operat waqt li kien qed issir ix-xoghol ta' tqeghid. Ma hemm xejn x'jindika li l-madum kien ta' kwalita' inferjuri jew ma kienx adattat ghall-uzu li kien intenzjonat.

It-Tribunal jidhirlu illi peress li l-ilmenti l-ohra, zghar kemm huma zghar, saru fi zmien is-sentejn garanzija, kif konfermat mill-istess rapprezentant mill-istess rapprezentant tas-socjeta' intimata, din kellha l-obbligu li tindirizzhom malajr u bis-serjeta. Ex admissis, is-socjeta' intimata m'ghamlet xejn, hlief tindifa ta' darba, izda imbaghad injorat ghal kollox l-ilmenti tar-rikorrenti. Fi kliemha 'qatt ma bghatt il- xi hadd jiccekkja l-viti wara li ilmentat l-ewwel darba ghalkemm kienu taht garanzija.' Ghal l-ewwel jidher illi kien hemm disponnibilita' min-naha tas-socjeta' intimata biex takkomada r-rikorrenti izda imbaghad il-

kuntatti waqqfu ghal kuntatt. Dana forsi gara sforz certa ta' certa attitudini min-naha tar-rikorrenti u l-fatt li kien ghad fadallha thallas xi flus lis-socjeta' intimata.

It-Tribunal, ghalkemm jirrikonoxxi l-isforzi inizjali tas-socjeta' intimata u tal-impjegati taghha, jidhirlu li l-fatt li huma ma komplex jindirizzaw l-ilmenti tar-rikorrenti huwa nuqqas tas-socjeta' intimata li kienet fid-dover illi tassigura illi jsir dak li kellu jsir fi zmien it-terminu tal-garanzija, bhal ma kien nuqqas tar-rikorrenti li ma onoratx il-kambjala iffirmata minnha.

Illi ghalkemm fix-xhieda taghha ir-rikorrenti tghid illi ma tippretendix flus izda xoghol rimedjali it-Tribunal ma jidhirlux illi dan huwa possibbli f'dan l-istadju u jkun ahjar illi r-rikorrenti tircievi kumpens ta' darba u peress illi l-ilmenti huma affarijiet zghar, tiehu hsieb hi.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi illi jiffissa l-kumpens, *arbitrio u bono viri* fl-ammont ta' mitt Euro (€100.00) u filwaqt illi jilqa' t-talba parzjalment tar-rikorrenti jikundanna lis-socjeta' intimata li thallas l-ammont fuq indikat u jhalli f'idejn il-partijiet sabiex jiffissaw it-tpacija skond il-kaz. Bl-ispejjes kontra s-socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru